**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 18 ta' Settembru, 2019**

**Rikors Numru: 337/2011 MLF**

**Ballut Blocks Services Limited**

**Vs**

**Michael Bartolo u martu Pauline Bartolo**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef tmien mija u tlieta u sebghin euro u sebghin centezmu (€8,873.70) rapprezentanti prezz dovut ghall-materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lilhom hekk kif jidher mill-anness Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 26 ta' Lulju, 2010 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontestwalment prezentat, u bl-imghax legali sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi t-talba tal-atturi kif dedotta, ghandha tigi michuda u dana peress li l-eccipjenti m'ghandhomx ihallsu lill-istess atturi izjed minn tliet elef euro (Euro 3,000) peress li l-ftehim ta' bejn il-partijiet kien li jkun hemm tpacija bejn ix-xoghol li jghamlu l-eccipjenti ghal mal-materjal mibjugh mill-atturi. Illi l-istess atturi nonostante dan il-ftehim qed jirrifjutaw li jnaqqsu mill-kont taghhom valur fi flus tax-xoghol mahdum mill-eccipjenti kif miftiehem;

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.

Rat li l-konvenuti ma ipprezentawx in-nota ta' osservazzjonijiet taghhom fit-terminu lilhom preskritt.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti kien sar ftehim li permezz tieghu is-socjeta' attrici kellha tissupplixxi materjal tal-bini lill-konvenuti, liema fornitura ta' materjal kella tigi pacuta ma' diversi xogholijiet li l-konvenuti kienu qeghdin jaghmlu gewwa Tigne' Point, f'Tas-Sliema fuq inkarigu tal-istess socjeta' attrici. Primarjament ix-xogholijiet imwettqa mill-konvenuti kienu jikkonsistu li huma jqabbdu l-pompa tal-konkos taghhom mal-pompa tal-konkos tas-socjeta' attrici.

2. Il-konsenja tal-materjal da parti tas-socjeta' attrici lill-konvenuti huwa kkonfermat minn diversi *delivery notes* li kienu kollha ffirmati mill-konvenut Michael Bartolo u minn ibnu Kenneth Bartolo. Fil-fatt il-fornitura tal-materjal ma hijiex parti mill-kontestazzjoni tal-konvenuti.

3. Dak li l-konvenuti qeghdin jikkontendu huwa illi s-socjeta' attrici ma naqqsitx mill-ammont minnha mitlub il-fattura mahruga mill-istess konvenuti u datata 26 ta' Lulju 2010 fl-ammont ta' €5,224.45,[1] liema fattura kienet tinkludi xogholijiet li l-konvenuti jsostnu li wettqu fil-granet indikati fl-istess fattura.

4. Dwar din il-fattura mahruga mill-konvenuti, s-socjeta' attrici tikkontendi li fl-ewwel lok hemm dati indikati fil-fattura li skont ir-records tas-socjeta' attrici jirrizulta li f'dawn id-dati ma gew imwettqa l-ebda xogholijiet. Fit-tieni lok hemm dati ohrajn fejn skond l-istess records tas-socjeta' attrici, l-ammont ta' sieghat ta' xoghol imwettaq mill-konvenuti huwa anqas minn dak indikat fil-fattura. Fit-tielet lok, l-ahhar tlett (3) partiti ta' din il-fattura ma jindikawx id-data meta gew imwettqa x-xogholijiet u ghaldaqstant is-socjeta' attrici ssostni li minhabba dan in-nuqqas hija ma kinitx f'posizzjoni li tikkonferma jekk ix-xogholijiet indikati gewx imwettqa jew le.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Bil-proceduri odjerni s-socjeta' attrici qeghda titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma komplessiva ta' tmint elef tmien mija u tlieta u sebghin euro u sebghin centezmu (€8,873.70) rapprezentanti materjal tal-bini fornut lill-konvenuti kif jirrizulta minn *statement* mahrug mis-socjeta' attrici.[2] Il-konvenuti jilqghu ghat-talba attrici billi jghidu li l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ma jissuperax it-tlett elef euro (€3,000) stante li mill-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghandu jitnaqqas permezz ta' tpacija ma' dak ix-xoghol imwettaq mill-konvenuti kif pattwit bejn il-partijiet.

Is-socjeta' attrici ressqet bhala xhud lil Etienne Zammit, *Financial Controller* tal-istess socjeta' attrici li spjega li l-materjal mixtri mill-konvenuti kien jikkonsisti f'materjal tal-bini, primarjament torba u konkos. Ix-xhud spjega li mill-ammont dovut, is-socjeta' attrici kienet diga naqqset fattura mahruga mill-konvenuti fl-ammont ta' €2,564.73, [3] li kienet tirrigwarda xoghol maghmul mill-konvenuti gewwa Tigne' Point, f'Tas-Sliema. Spjega illi sussegwentement il-konvenuti kienu talbu wkoll it-tnaqqis ta' fattura ohra fl-ammont ta'

---

[1] Ara l-fattura a fol. 27 tal-process.
[2] Ara statement u *delivery notes* annessi a fol. 22 tal-process.
[3] Ara fattura datata 9 ta' Jannar 2009 li tifforma parti mid-dokumenti a fol.22 tal-process.

€5,224.45 (€4,427.50 eskluza t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud),[4] li skont il-konvenuti ukoll kienet tirrigwarda xoghol minnhom imwettaq f'Tigne' Point. Ix-xhud spjega illi mill-ammont indikat f'din il-fattura, kien hemm nuqqas ta' qbil minn naha tas-socjeta' attrici ghall-ammont ta' €3,082.50, eskluza t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

- l-entrata li ggib id-data tal-24 ta' Jannar 2009 fl-ammont ta' €395 stante li s-socjeta' attrici ma jirrizultaliex illi f'dik id-data gew imwettqa xogholijiet mill-konvenuti;

- l-entrati bid-dati tal-4 ta' Frar 2009 fl-ammont ta' €480, 18 ta' Mejju 2009 fl-ammont ta' €600 u 27 ta' Mejju 2009 fl-ammont ta' €602.50 hemm nuqqas ta' qbil minn naha tas-socjeta' attrici mal-ammont ta' sieghat indikat stante illi skont is-socjeta' attrici:

    - fl-4 ta' Frar 2009 saru hames sieghat xoghol u mhux sebgha kif indikat fil-fattura;
    - fit-18 ta' Mejju 2009 saru hames sieghat xoghol u mhux tminn sieghat u nofs;
    - fis-27 ta' Mejju 2009 saru sebgha sieghat xoghol u mhux tminn sieghat u kwart;

- ghal dak li jirrigwarda l-entrati bid-dati tal-20 ta' Frar 2009 fl-ammont ta' €520, tas-7 ta' Marzu 2009 fl-ammont ta' €390 u tal-4 ta' Mejju 2009 fl-ammont ta' €460, f'dawn id-dati ma kienx inghata konkos u ma kienx hareg materjal mis-sit taghhom u ghalhekk skond is-socjeta' attrici ma kienx sar xoghol da parti tal-konvenuti f'dawn il-granet;

- ghal dak li jirrigwarda l-ahhar tlett entrati fl-ammonti ta' €490, €330 u €160, fil-fattura m'hemmx indikat id-data meta gew imwettqa dawn ix-xogholijiet.[5]

Mix-xhieda ta' Etienne Zammit, il-*Financial Controller,* jirrizulta ghalhekk li s-socjeta attrici ma kinitx qed tikkonstesta li l-ammont ta' €1,587.10 (€1,345 minghajr t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kienu dovuti lill-konvenuti. Dan huwa konfermat ukoll min-notamenti maghmula fuq l-istess fattura mis-socjeta konvenuta,ipprezentata mill-istess xhud.[6]

Xehed ukoll Johann Bondin, *Project Manager* mas-socjeta' attrici li spjega li s-socjeta' attrici kienet tuza l-pompa tal-konvenuti sabiex jinghata l-konkos gewwa Tigne' Point. Dwar il-

[4] Ara fattura datata 26 ta' Lulju 2010 a fol. 22 tal-process).
[5] Ara x-xhieda ta' Etienne Zammit a fol 19 tal-process.
[6] Ara fol. 22 tal-process.

fattura datata 26 ta' Lulju 2010 fl-ammont ta' €5,224.45 mahruga mill-konvenuti, x-xhud spjega illi ghal dak li jirrigwarda l-entrata tal-24 ta' Jannar 2009, huwa ma kienx f'posizzjoni li jiccertifika dan ix-xoghol stante li l-konvenuti naqsu milli jipprezentaw l-ircevuta relattiva. Ghal dak li jirrigwarda l-entrati tal-4 ta' Frar 2009, 18 ta' Mejju 2009 u 27 ta' Mejju 2009, ix-xhud spjega li n-nuqqas ta' qbil dwar il-hinijiet indikati f'dawn id-dati huwa bbazat fuq dak li jigi rregistrat fuq il-pompa tas-socjeta' attrici li maghha tkun imqabbda l-pompa z-zghira tal-konvenuti, Fir-rigward imbaghad tal-entrati bid-dati tal-20 ta' Frar 2009, tas-7 ta' Marzu 2009 u tal-4 ta' Mejju 2009, ix-xhud spejga illi f'dawn il-granet is-socjeta' attrici ma tat l-ebda konkos u ghaldaqstant ma kellhiex bzonn is-servizz tal-konvenuti. Ix-xhud kompla jispega li dan seta' jigi kkonfermat mill-*ledger* li zzomm is-socjeta' attrici fejn jigi rregistrat il-materjal li jkun inghata f'kull gurnata. Finalment ghal dak li jirrigwarda l-ahhar tlett entrati li ma jgibu l-ebda data, ix-xhud spjega li l-konvenuti baqghu qatt ma pprovdew informazzjoni dwar dawn l-entrati u ghalhekk ix-xoghol indikat ma setghax jigi certifikat.[7]

Meta xehed il-konvenut Michael Bartolo spjega illi huwa ma kienx f'posizzjoni li jipprezenta l-ircevuti tax-xogholijiet indikati fil-fattura datata 26 ta' Lulju 2010 stante illi x-xoghol minnu mwettaq kien isir matul il-lejl u f'dan il-hin ma kienx ikun prezenti r-rapprezentant tas-socjeta' attrici sabiex jiccertifika x-xoghol. In kontro-ezami l-konvenut spjega illi kienu l-iskrivani tas-socjeta' attrici li ndikawlu liema kienu dawk l-entrati li ma kienx hemm qbil dwarhom. Qal li minkejja li huwa kien jaf personalment lil Pawlu Vella, wiehed mid-diretturi tas-socjeta' attrici, qatt ma kien kellmu dwar din il-kwistjoni ghaliex skond il-konvenut dan kien ihalli f'idejn l-iskrivani tieghu.[8]

Xehed ukoll Kenneth Bartolo li spjega li l-ftehim mas-socjeta' attrici kien dak fejn ix-xoghol imwettaq minnu u mill-konvenut kien jigi mpartat ma' materjal. Spjega li huma kienu jikru l-pompa taghhom lis-socjeta' attrici u s-servizz kien jigi mkejjel bis-siegha u skond in-numru ta' *pipes* uzati. Qal illi ma kellhomx il-"karti ffirmati" ghaliex il-*Project Manager* Johann Bondin ma kienx ikun prezenti fuq is-sit meta hu u misseru l-konvenut kien jlestu mix-xogholijiet tard matul il-lejl.[9]

---

[7] Ara x-xhieda ta' Johann Bondin a fol 24 tal-process
[8] Ara x-xhieda ta' Michael Bartolo a fol. 78 tal-process.
[9] Ara x-xhieda ta' Kenenth Bartolo a fol. 83 tal-process

Bhal ma jigri ta' spiss, f'dan il-kaz il-Qorti hija rinfaccata bi provi konfliggenti. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi fl-ewwel lok ghandha tigi ezaminata x-xhieda moghtija mill-partijiet li taw verzjoni differenti tal-fatti u dan sabiex jigi determinat liema wahda hija l-aktar kredibbli. Dwar kif ghandha ssir l-evalwazzjoni mill-Qorti tal-provi prodotti f'sitwazzjonijiet bhal dawn, fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et,** deciza fl-24 ta' Marzu 2004 mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri)[10] inghad illi:

"*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*
*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra;*
*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur*".
... ...

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita, u specjalment dawk tal-konsistenza u versoimiljanza, ghandhix teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L p II p 440."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti hija moralment konvinta li l-verzjoni tas-socjeta' attrici hija aktar kredibbli. Fl-ewwel lok, ix-xhieda tal-*Financial Controller* Etienne Zammit u tal-*Project Manager* Johann Bondin, prodotti mis-socjeta' attrici ma giet bl-ebda mod kontradetta minn xi provi indipendenti. Dan apparti provi ohra bhal *ledger* li kienet izzomm is-socjeta' attrici li jkomplu jikkoraboraw il-verzjoni moghtija minn dawn ix-xhieda illi fil-granet tal-20 ta' Frar 2009, 7 ta' Marzu 2009 u 4 ta' Mejju 2009 indikati fil-fattura datata 26 ta' Lulju 2010 mahruga mill-istess konvenuti, ma kienx hareg materjal mis-sit tas-socjeta' attrici u ghalhekk is-servizz tal-konvenuti f'dawk il-granet ma kienx mehtieg.[11]

Dwar id-diskrepenza fl-ammont ta'sieghat fil-granet tal-4 ta' Frar 2009, tat-18 ta' Mejju 2009 u tas-27 ta' Mejju 2009, il-*Project Manager* tas-socjeta' attrici Johann Bondin xehed illi l-pompa z-zghira tal-konvenuti kienet tigi mqabbda ma' pompa tal-konkos akbar tas-socjeta'

[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[11] Ara l-*ledger* a fol 43 tal-process.

attrici. Dan il-fatt gie kkonfermat minn Kenneth Bartolo fix-xhieda tieghu moghtija in kontro-ezami. Johann Bondin pero' spjega wkoll illi l-pompa tas-socjeta' attrici kienet tirregistra n-numru ta' sieghat li matulhom tkun intuzat u din l-informazzjoni kienet tigi registrata mill-impjegati tas-socjeta' attrici fil-*ledger* taghha. Il-Qorti tqis ghalhekk illi anke f'dan ir-rigward il-verzjoni tas-socjeta' attrici hija aktar attendibbli.

Fir-rigward imbaghad tal-ahhar tlett entrati indikati fl-istess fattura, liema entrati ma jgibu l-ebda data, il-Qorti tqis li kien jispetta lill-konvenuti li jgibu provi biex huma jissodisfaw lil Qorti jekk effetivament dan ix-xoghol sarx jew le. Il-konvenuti pero ma gabu ebda prova simili u ghalhekk fin-nuqqas ta' informazzjoni bazika bhal ma hija d-data meta allegatament gie mwettaq dan ix-xoghol, fid-dawl tal-provi (jew ahjar nuqqas ta' provi indipendenti) prodotti mill-konvenuti, il-Qorti ma tistghax taccetta l-verzjoni taghhom illi l-ammonti indikati huma dovuti lilhom mis-socjeta' attrici.

Finalment meta gew mistoqsija jekk qattx kienu ittrattaw mad-diretturi tas-socjeta' attrici dwar in-nuqqas ta' qbil li kellhom mal-iskrivani tas-socjeta' attrici dwar il-fattura tas-26 ta' Lulju 2010, kemm il-konvenut Michael Bartolo u anke x-xhud Kenneth Bartolo xehedu li ma kienux ghamlu dan minkejja li kienu jafu personalment lil wiehed mid-diretturi tas-socjeta' attrici, kienu jmorru jieklu mieghu u sahansitra siefru mieghu. Din il-Qorti mhijiex konvinta li kuntrattur bhal ma huwa l-konvenut Michael Bartolo, meta rinfaccat bil-possibilita' illi ma jithallasx tax-xoghol li jkun wettaq, jibqa' ma' jiehu l-ebda pass biex jittenta jsolvi kwistjoni bhal ma hija dik odjerna, billi jkellem ghall-inqas lil dan id-direttur, u ma joqghodx fuq il-kelma tal-iskrivani tas-socjeta attrici.

Dan kollu apparti mill-fatt li fir-risposta taghhom il-konvenuti stess jammettu illi hija dovuta s-somma ta' €3,000 lis-socjeta attrici, pero ghal ragunijiet li jafu l-konvenuti biss, qatt ma hallsuha din is-somma, lanqas fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti tqis illi s-socjeta' attrici ghandha ragun topponi il-pretensjoni tal-konvenuti ghall-ammont ta' €3,082.50 li flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jammonta ghas-somma ta' €3627.35, fir-rigward tad-diversi entrati indikati fil-fattura tal-konvenuti, stante li dan l-ammont ta' xoghol ma giex debitament ippruvat mill-konvenuti. Konsegwentement dan ifisser illi l-ammont rimanenti fil-fattura tal-konvenuti in kwistjoni, li tammonta ghas-somma ta' €1,587.10, inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, huwa

dovut mis-socjeta' attrici lill-konvenuti,[12] u ghandu jigi mnaqqas mill-ammont pretiz mis-socjeta' attrici f'din il-kawza.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenuti; u
2. Konsegwentement, tilqa' limitament it-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' sebat elef, mitejn u sitta u tmenin Euro u sittin centezmu (€7,286.60c), bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha inkorsi in konnessjoni ma' dawn il-proceduri – inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Lulju 2010 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors promotur - ghandhom jigu subiti mill-konvenuti.

**Maġistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Reġistratur**

---

[12] Ara ix-xhieda ta' Etienne Zammit a fol. 19 *et seq.* tal-process u l-fattura a fol. 22 tal-process.